# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 10

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qari l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Anthony Chircop u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 9 li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

10.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 10.3 Komunikazzjoni mill-President

10.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda komunikazzjoni.

## 10.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijiet tal-Membri

10.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

10.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 10.5 Rapporti – *Quarterly Financial Statements* – Jannar sa Marzu 2018

10.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lill-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea, sabiex jiġu ppreżentati l-*Quarterly Financial Rapporti Statements* għall-ewwel tliet xhur tas-sena 2018.

10.5.2 *17:37pm – Is-SIndku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, wasal għal din il-laqgħa.*

10.5.3 Wara l-ispjegazzjoni dettaljata mingħand is-Sur Galea, ir-rapport ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

10.5.4 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-membri preżenti, il-President irringrazzja lis-Sur Galea talli kien preżenti u ta din l-ispjegazzjoni.

10.5.5 Il-President qal li qabel ma tkompli l-laqgħa xtaq jagħmel referenza għall-att li sar fil-konfront tal-Kunsillier tal-Gżira, is-Sur Jeremy Cardona, peress li din kienet l-ewwel laqgħa

tar-Reġjun minn meta kien seħħ l-inċident.

10.5.6 Għal din ir-raġuni l-President ippropona li bħala Reġjun għandha tinħareġ stqarrija bħala turija ta' appoġġ għas-Sur Cardona u għal Kunsill Lokali tal-Gżira.

10.5.7 Il-membri preżenti qablu unanimament dwar dan.

## 10.6 Sejħa għal Servizz ta' Espert Estern għal Taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-Fondi ta' l-UE għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali

10.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri kif matul dawn l-aħħar ġimgħat kienu saru laqgħat ta' introduzzjoni mal-Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun minbarra mal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. Però ser issir laqgħa ma' dan il-Kunsill ftit tal-jiem oħra biex b'hekk kull Kunsill Lokali jkun ingħata l-opportunità li jitkellem u jressaq ix-xewqat ta' proġetti.

10.6.2 Il-President żied jgħid kif f'waqt il-laqgħat ma' l-EMCS Ltd. ir-Reġjun esprima li jixtieq japplika għal programm ta' fondi taħt l-EEA Norway Funds u kif ir-Reġjun ġie avviċinat b'żewġ proposti.

10.6.3 Il-President ippreżenta kopja ta' dawn iż-żewġ proposti lill-membri preżenti u spjega kif ir-rappreżentanti ta' l-EMCS Ltd qedin jagħmlu kuntatt sabiex ir-Reġjun ikun jista' jidħol għal proġett li kien hemm fit-tieni proposta.

10.6.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif aktar informazzjoni dwar dan jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 10.7 Sejħa għal Servizz ta' 'Pre-Press, Printing, Binding, Slipcase, Packing and delivery of an Illustrated Book'

10.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lll-membri preżenti kif wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun kienet saret laqgħa ta' introduzzjoni mal-Profs George Cassar u s-Sur Gordan Pisani sabiex jibdew bil-preparamenti għal dan il-ktieb. Għal din ir-raġuni, is-Sur Fenech Adami sejjaħ lil Profs Cassar u lis-Sur Pisani sabiex jgħatu spjegazzjoni qasira dwar x'ser isir u l-għajnuna li jixtiequ mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex dan il-ktieb ikun wieħed ta' suċċess.

10.7.2 *17:50pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

10.7.3 Il-Profs. Cassar spjega kif dan ser ikun ktieb li jaqbad il-lokalitajiet kollha u jpoġġihom fuq il-mappa turistika kif ukoll fuq il-mappa kulturali ta' Malta u ta' barra peress li ser ikun miktub bl-Ingliż.

10.7.4 Huwa spjega kif il-ktieb ser ikun tematiku u mhux lokalita' separata minn oħra u ser jitratta dwar affarijiet li huma magħrufa u oħrajn li għadhom mhux magħrufa. Għal din ir-raġuni, it-temi li ġew magħżula huma temi li għandhom jolqtu lil kulhadd u jekk hemm xi tema li tħalliet barra, huma ser jieħdu nota sabiex tkun tista' tiġi nkluża.

10.7.5 Il-Profs. Cassar qara it-titli tat-temi u żied jgħid ukoll li l-ktieb ser ikollu ħafna ritratti sabiex in-narrattiv u l-istampa joħoloqu storja.

10.7.6 Is-Sur Maximillian Zammit spjega kif il-lokalita ta' Ta' Xbiex m'għandha l-ebda pubblikazzjoni u peress li hija nieqsa minn din l-informazjoni huwa staqsa jekk hux ser isiru sessjonijiet individwali ma' kull Kunsill Lokali. Żied jgħid li waħda mit-temi għandha tkun '*Diplomatic Relations*' peress li l-maġġoranza ta' ambaxxati jinsabu mifruxin taħt dan ir-Reġjun.

10.7.7 Il-Profs. Cassar ħa nota tas-suġġeriment u spjega li ser ikun hemm mumenti li jsir kuntatt dirett b'mod speċjali ma' dawk il-lokalitajiet li m'għandhom l-ebda pubblikazzjoni. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea, ser tkun qed tgħaddi lista ta' dettalji tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Profs. Cassar ikun jista' jagħmel kuntatt dirett ma kull lokalità.

10.7.8 Il-Profs. Cassar talab li jingħata l-*boundaries* uffiċċjali ta' kull lokalità sabiex wieħed ikun jistà jassigura li dak li ser jiġi ppublikat ikun verament jagħmel parti minn dik il-lokalità.

10.7.9 Il-Profs. Cassar kif ukoll is-Sur Pisani xtaqu jagħmlu rimarka dwar id-data ta' l-għeluq li kienet pjanata sabiex dan il-ktieb ikun konkluż.

10.7.10 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega lill-membri kif oriġinarjament dan il-ktieb kien ippjanat li jkun lest sa' l-aħħar tas-sena però peress li kien hemm tibdiliet ta' kif ħa jkun il-ktieb, il-Profs. Cassar u s-Sur Pisani fil-laqgħa ta' introduzzjoni espremew li dan ilktieb jaf jieħu ftit xhur iktar minn kemm kien ippjanat.

10.7.11 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li l-importanti huwa li l-prodott ikun wieħed tajjeb u mhux wieħed li jkun sar ta' malajr sabiex tintleħaq id-data ta' l-għeluq.

10.7.12 Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri kollha preżenti.

10.7.13 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lil Profs. Cassar kif ukoll lis-Sur Pisani talli għamlu spjegazzjoni ċara u rrimarka

## 10.8 Sejħa għal Servizz ta' *Mechanical Engineer*

10.8.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informal ill-membri preżenti li peress li ma kienx hemm appelli, din is-sejħa ġiet iffinalizzata u l-kuntratt ġie mgħoti lil EPC Malta. Kif ukoll spjega li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa ta' introduzzjoni mal-kuntrattur il-ġdid sabiex mix-xhar li ġej, Lulju 2018.

10.8.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 10.9 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***E-mejl mingħand il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard***

10.9.1 Il-President ressaq it-talba ta' dan il-Kunsill sabiex isiru żewġ pagamenti li saru fuq xogħolijiet ta' *piping* fi Triq il-Pjazzetta li tammonta għal €3,930.53 u xogħolijiet ta'

*culverts* fi Triq Znuber li tammonta għal €2,895.72.

10.9.2 Il-membri unanimament approvaw din it-talba.

- *E-mejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

10.9.3 Il-President ressaq it-talba ta' dan il-Kunsill sabiex l-ammont ta' €1,069.70 jitħalsu għal xogħolijiet ta' tabelli u sinjali madwar ir-raħal.

10.9.4 Il-membri unanimament approvaw din it-talba.

- *Kwotazzjonijiet għal Sound fl-Avveniment Sportiv*

10.9.5 Il-President ippreżenta tliet kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm l-apart ta' sound fl-ewwel avveniment sportiv li ser jinżamm nhar il-Ħadd 17 ta' Ġunju 2018.

10.9.6 Il-membri unanimament approvaw li għandha tintagħżel l-irħas kwotazzjoni.

10.9.7 Il-President fakkar lill-membri dwar l-attivita' li ser issir nhar il-Ħadd li ġej u ħeġġeġ lill-membri sabiex ikunu preżenti.

## 10.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.10.1 Il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 9A u 9B.

10.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 10.11 Mozzjonijiet

10.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 10.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-6:40pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 11 ta' Lulju, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |